# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Gunju, 2001**

**Numru : 30**
**Citaz. Numru : 944/01/RCP**

**U.C.I.M. Co Ltd**

**vs**

**Sting 1 Cleaners Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' elf seba' mija u hmistax-il lira (LM1,715) rappresentanti import ta' 17 kambjali, 1 ta' LM35 (bilanc) u l-ohrajn ta' LM105 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Jannar 2000 sa Mejju 2001, u mhux imhallsa, hawn annessi markati

bin-numri minn 1 sa 17 konsekuttivament u inklusivament.

Illi ghalkemm mitluba biex thallas diversi drabi, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi l-kreditu tas-socjeta` attrici fis-somma ta' LM1,715 hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn taf is-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta ma ghandha l-ebda difisa valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghal hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-Affidavit ta' Alfred Formosa, ir-rappresentant tas-socjeta` attrici, hawn anness Dok. A. ,

L-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi:

(1) ma ghandix dina l-Qorti taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u (2) hekk tikkundanna minnufih lis-socjeta` konvenuta thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' LM1,715 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala, li sad-9 ta' Mejju 2001 jammontaw ghal LM92, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Marzu 2001

kontra s-socjeta' konvenuta li r-rappresentanti guridici taghha huma ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit ta' Alfred Formosa ghan-nom tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** kif dedotta fic-citazzjoni, b'dan illi:

(2) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' elf seba' mija u hmistax-il lira Maltin (LM1,715) fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala, li sad-9 ta' Mejju 2001 jammontaw ghal LM92, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes

inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Marzu 2001 kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**28 ta' Gunju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Gunju, 2001**